MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 92/2001/1

**Maltacom plc**

**vs**

**Computer Evolution Centre Limited**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi s-socjeta’ Maltacom plc ipprovdiet lis-socjeta’ konvenuta diversi servizzi ta’ approvazzjoni ta’ tip dwar it-taghmir tat-telekomunikazzjonijiet bejn it-tlieta (3) ta’ Settembru elf disa’ mija tmienja u disghin (1998) u t-tletin (30) ta’ April tas-sena elfejn u wiehed (2001).

Illi s-socjeta’ konvenuta naqset li thallas is-somma ta’ seba’ mija u sebgha liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm707.25) minnha dovuta tas-servizzi fuq imsemmija, skond il-Ligi (Avvizi Legali 219 u 220 ta’ l-

1998), u dana nonostante li giet interpellata taghmel dan permezz ta' ittra ufficcjali.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata ghoxrin (20) ta' Dicembru 2001 u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni."

Is-socjeta' konvenuta m'ghamlitx risposta formali imma kkontestat it-talbiet attrici.

Sema' x-xhieda mressqa mill-partijiet u ra d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidra:

Illi l-avviz legali 220 tal-1998 jistabbilixxi d-dritt li ghandu jithallas ir-Regolatur ghas-servizz ta' Approvazzjoni ta' Tip dwar Taghmir Ghat-Telekomunikazzjoni. Pero' m'hemm stabbilit ebda dritt ghal min, bhas-socjeta' attrici, kien qieghed jaghmel dan ix-xoghol bhala espert mahtur in forza tal-Artiklu 26 tal-Att XXXIII tal-1997. Wiehed ma jistax jippretendi li l-ghoti tas-servizz min-naha tas-socjeta' attrici ghandu jkun minghajr hlas. L-anqas ma jista' jinghad li ma kienx qieghed jinghata servizz, u dan peress li minghajr l-awtorizzazzjoni mahruga mis-socjeta attrici ma setatx tigi rilaxxjata l-merkanzija mid-Dwana: *omne labor optat premium.* Galadarba d-dritt dovut lis-socjeta' attrici ma giex iffissat b'ligi u l-anqas jirrizulta li bejn il-kontendenti sehh ftehim dwar il-hlas, huwa mholli ghat-Tribunal li jiffissa l-hlas misthoqq wara li jqis ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz, u jiehu bhala gwida r-rati stabbiliti fl-avviz legali 220 tal-1998.

Is-socjeta' attrici ma ressqet l-ebda prova dwar l-entita' ta' xoghol li sar f'dan il-kaz partikolari. Izda ma jirrizultax li sar xi tip ta' ttestjar: la ntalbet il-*literature* relattiva ghall-prodott u l-anqas intalab kampjun tieghu sabiex ikunu jistghu isiru t-testijiet relattivi. Kull ma gara kien li impjegat tas-socjeta' konvenuta ha l-karti mid-Dwana, hadhom f'ufficcju tal-Maltacom, u dawn gew ittimbrati dak il-hin stess, sabiex ikunu jistghu jigu rilaxxjati mid-Dwana.

Ghalhekk, ghalkemm inghata t-timbru, fil-verita' s-servizz kien qed jammonta ghall-ittimbrar tad-dokument relativ ghall-iskopijiet tad-Dwana, u ghal dak it-timbru s-socjeta' attrici qed terfa' responsabilita' u tipprezumi li l-apparat mhux sejjer jinterferixxi mas-sistema ta' komunikazzjonijiet.

F'dawn ic-cirkostanzi, t-Tribunal qieghed *arbitrio boni viri* u b'applikazzjoni tal-ekwita', jiffissa s-somma ta' LM 210 bhala hlas dovut lis-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta u jilqa' t-talba limitatament ghas-somma ta' LM210 bl-imghax millum.

L-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu minghajr taxxa mehud in konsiderazzjoni l-ammont li gie ffissat mit-Tribunal.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) M'Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur